**Laqgħa Numru 22**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**24 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.38 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku Paul

Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 22.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

22.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 21 li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

Is-Sindku talab biex tinbidel l-ordni tal-Agenda biex b'hekk item numru 22.6 tiġi ndirizzata qabel item 22.3. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

## 22.6 Rapport Finanzjarji 2020

22.6.1 Il-financial statements għas-sena 2020 ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill waqt li l-accountant Darren Mercieca permess ta' laqgħa virtwali ta spjegazzjoni dettaljata fuq il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Hu spjega li l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja tajba u anke wieġeb għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

22.6.2 Draft tal-Budget 2021 ġie ppreżentat u ttieħdu xi punti biex isiru numri ta' amendi li l-Kunsill ħaseb li huma neċessarji. L-accountant iddiskutta l-pjan ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjin mas-Sindku u Kunsilliera fejn fost l-oħrajn issemmew proġetti proposti bħal-learning hub.

*Il-Kunsiller Domenic Zerafa daħal fil-kamra fil-16.55.*

## 22.3.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku rreferra għat-trakk tal-Kunsill fejn informa lill-Kunsill li kellu bżonn li ssirlu manitenzjoni u anke jiġi sprejjat mill-ġdid. Il-membri tal-Kunsill qablu li jinġabru l-kwotazzjonijiet ta' sprayers minn sprayers mix-Xewkija stess.

*Fil-kamra daħal il-Perit Shawn Micallef.*

22.3.1 Is-Sindku stieden lill-Perit Shawn Micallef biex jindirizza s-sedja. Il-Perit għamel referenza għall-ittra bl-avukat minn resident fi Triq Sant'Eliżabetta fejn kien qed jinsisti li kif saru x-xogħlijiet kien se jġarrab ħsara fil-propjeta' tiegħu. Il-Perit spjega kif kien hu stess li kellem lir-resident fuq il-post meta kienu għaddejjn ix-xogħlijiet u spjegalu li bil-konessjoni tal-istorm water culverts mill-pjazza għal Triq Il-Knisja u bil-culvert il-ġdid li sar fi Triq Sant'Eliżabetta l-problema tal-ilma kienet naqset drasstikament. Il-Perit spjega li jekk l-istorm water culverts jinżammu ndaf ma kienx se jkun hemm problema t'ilma. Il-Perit kompla jelenka li kien mar fit-triq f'xita qliel u ma kien hemm l-ebda problema t'ilma. Hu spjega li dawn saru skont is-sengħa u li l-livelli tat-triq baqgħu l-istess bħalma kienu qabel. Is-Sindku spjega li meta lir-resident kien daħallu l-ilma dan kien waqt li x-xogħol fit-triq kien għadu għaddej u kien tort tas-sid ta' maġenbu li kien ħala żewġ sifjuni miftuħin u l-ilma daħal fihom konsegwenza ta' dan. Il-Perit assigura l-Kunsill li l-livelli tat-triq kienu baqgħu l-istess u ssuġġerriexxa li l-Kunsill kellu jirrispondi permezz tal-avukat tal-Kunsill fejn jelenka li quddiem ir-residenza tiegħu ma ntemmsux u fejn fl-istess ittra l-Kunsill jgħid li kien lest li jagħmillu bankina kif isir ma' kull residenza biex b'hekk

żgur li ma jkollux problema t'ilma. Il-Perit spjega ukoll li ċ-ċertifikazzjoni fuq it-triq ma saritx għax il-Perit ried li l-ewwl jiltaqa' mal-Kunsill.

22.3.2 B'referenza għall-kontijiet għax-xogħlijiet tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ fit-toroq Tal-Ħorob, Tas-Salvatur u tas-Salib il-Perit spjega li dawn kienu ġew ferm inqas minħabba li waqt li kien maħsub li f'Tal-Ħorob kellu jinqala' r-retainer wall dan ma kienx neċessarju hekk kif bdew ix-xogħolijiet fuq dan il-ħajt. X'ħin tkejjel ix-xogħol irriżulta li x-xogħol ta' restawr li kien sar kien ħafna inqas u fejn ma sarx restawr bil-ġebel tas-sejjieħ dan ma setax jiġi nkluż.

22.3.3 Is-Sindku rreferra għall-problema tal-ilma li hemm fi Triq Tal-Ħorob waqt li l-Perit spjega li kienu sar s-surveys neċessarji qabel ma saru x-xogħlijiet u kull ma hemm differenza fil-livelli min-naħa tal-Barmil għalfejn il-bitħa Tas-Sigarru hu biss nofs metru u allura ma m'għandux fejn imur. Barra minnhekk ma setax isir culvert li jitfa' fit-triq tal-Qala għax inkella kienet riedet tintmess Triq Madonna tal-Ħniena. Il-Kunsillier Domenic Zerafa spjega li fl-imgħoddi kien hemm gandott fir-raba' fejn kien imur l-ilma. Is-Sindku kkomunika li kien tkellem miegħu l-Inġinier tal-WSC minħabba li kienu qed jaħdmu fuq in-new water system. Is-Sindku spjega li biex jgħaddu n-new water system anke fl-inħawi tal-Ħorob, dawn kienu qed jissuġġerriexu li din is-sistema għandha tgħaddi mit-Triq tal-Ħorob u mhux mit-Triq Madonna tal-Ħniena li hi triq li m'ilix li ġiet asfaltata. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li kienet iċċekkjat jekk din hix ħaġa li tista' ssir peress li Triq Tal-Ħorob kienet saret taħt fondi Ewropej u kienet ġiet aċċertata li din il-ħaġa setgħet isir dramment li l-Kunsill jidħol fi ftehim bil-miktub mal-WSC li jnkludi deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol li jrid isir u t-terminu. Dan il-ftehim imbagħad ikun irid jgħaddi għand l-ARPA. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Domenic Zerafa ġibdu l-attenzjoni li jekk titqatta' t-triq taf tisfronda u għaldaqstant issuġġerrew li jkun għaqli li l-ewwel jinbena l-ħajt ta' taħt it-triq tal-Ħorob. Is-Sindku spjega li jista' jgħaddi storm walter minn fejn tas-Sigarru għalfejn Triq Bordin fejn hemm catchment jekk tal-ilma se jkunu għaddejjin bix-xogħlijiet tan-new water culvert Il-Kunsill qabel li kellha tissejjaħ laqgħa fil-preżenza tal-Perit Micallef mal-WSC biex jingħataw aktar dettalji tax-xogħol maħsub għal din it-triq biex idejalment tkun anke ndirizzata l-problema tal-ilma ġaladarba jkunu se jsiru xogħlijiet f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li imbagħad kellu jmexxi biex il-Perit Micallef jaħdem fuq l-istima biex isir il-ħajt ta' taħt it-triq.

22.3.4 B'referenza mill-ġdid għan-New Water System, is-Sindku spjega li din kienet ħa tgħaddi min ħafna toroq fix-Xewkija u minn fejn kienet se tgħaddi din is-sistema kien ser isir resurfacing mill-ġdid fosthom Triq Sannat, Triq It-Taflija li l-asfalt se jsir min-naħa tat-triq s'oħra.

22.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Supretendent il-ġdid. Is-Sindku spjega li dawn il-laqgħat kienu se jibdew isiru darba fix-xahar. Fost l-oħrajn ġew diskussi l-problemi ta' karozzi mitluqa fir-raħal, il-fatt li l-għassa tar-raħal qed tkun magħluqa, l-assistenza tal-pulizija mal-iskola u l-operat tal-Community Policeman fix-xhur li ġejjin. Is-Sindku spjega t-talba tas-Supretendent biex il-Community Policeman jopera mill-Kunsill. Fuq suġġeriment tal-Kunsill, is-Sindku kellu jqajjem il-punt rigward l-asssistenza tal-pulizija mal-iskejjel fil-laqgħa tar-reġjun.

22.3.6 Is-Sindku kkomunika li l-girna f'Masġar Blankas kellha bżonn manitenzjoni. Il-Kunsill qabel li kellu jitqabbad xi ħadd tas-sengħa. Is-Sindku ssuġġerriexxa li ssir xatba għax kien qed isiru abbużi fiha. Il-Kunsilliera ma kinux tal-istess fehma hekk kif spjegaw li ma tixraqx mal-ambjent tal-girna.

22.3.7 B'referenza għad-defibrillator is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta tkellem mal-kuntrattur kien spjegalu li dan għandu jiġi nstallat barra fejn jidher. Il-Kunsill qabel li kellu jiġi nstallat mal-latrina faċċata tal-knisja.

22.3.8 Is-Sindku rrefera għall-komunikat mir-Reġjun Għawdex rigward il-festival tal-bizzilla. Il-membri tal-Kunsill semmew xi persuni li jaħdmu l-bizzilla biex jiġu kkuntatjati.

22.3.9 Is-Sindku għamel referenza għall-iskema tal-ambjent maħruġa mir-Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill seta' jiggwadanja sa massimu ta' €12,000. Il-Kunsill qabel fuq il-proposta' tas-Sindku biex jsir *embellishement* fil-ġibjun fi Triq Il-Kbira hekk kif dan il-proġett ikun jikkumplimenta x-xogħlijiet ta' resurfacing li għaddejjin fuq l-istess triq. Is-Sindku spjega li meta kienu tħejjiet l-istima Triq Il-Kbira tħalliet barra l-parti tat-triq minn Triq Il-Kbira għal Triq Torri Tingi li ġġib l-isem Triq Il-Kbira. Il-Kunsill unanimament qabel li din it-triq għandha ssir ukoll.

22.3.10 B'referenza għal Triq Santa Teodora s-Sindku kkomunika li hemm biċċa minn din it-triq daħlu għalija tal-ilma biex jikkonetjaw il-main tal-ilma.

*18.57 Il-Kunsillier Domenic Zerafa skuża ruħu li minħabba mpenji oħra kien se jkollu jitlaq.*

22.3.11 Is-Sindku kkomunika li kienet saret laqgħa virtwali mal-PA minħabba l-proġett tal-Playingfield tal-Ħamrija fejn intalab li jinbiddlu l-poles tad-dawl għax dawn ma jistgħux jagħmlu *light pollution*.

22.3.12 Is-Sindku ppreżenta l-unika kwotazzjoni rċevuta għall-kiri tal-garaxx. Saret referenza li l-Kunsillier li kellu kunflitt ta' interess mal-persuna li provdiet il-kwotazzjoni għall-kiri tal-garaxx li ħarġet mill-kamra. Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-Kunsill jipproċedi għall-approvazzjoni tad-*Direct Order* min-naħa tad-Dipartiment wara li s-sejħa għall-kiri tal-garaxx ħarġet darbtejn.

## 22.3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet ġibdet l-attenzjoni li hemm fabbrika partikolari fl-MIP li qed tkun mimlija madum u toħloq inkonvenjent lis-sewwieqa speċjalment waqt il-ħin tal-iskola.

22.4.2 Il-Kunsillier Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li jekk l-assistenza tal-pulizija fid-dħul u l-ħruġ tal-istudenti tal-iskola ma kinitx waħda garantita għandha issir laqgħa mal-Kap tal-Iskola biex wieħed jesplora l-possibilta' biex tinfetaħ mill-ġdid l-entratura' minn Triq Widnet Il-Baħar. Il-Kunsilliera Attard spjegat li din l-entratura' kienet ingħalqet minħabba nuqqas ta' fondi u bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill setgħet tinfetaħ. Is-Segretarju ħadet nota biex tagħmel laqgħa mal-Kap tal-Iskola.

22.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni biex jinqata' l-ħaxix ta' Masġar Blankas. Is-Sindku spjega li kien inqata' fil-bidu tal-ġimgħa.

22.4.4 Il-Viċi Sindku rreferra għall-connection tal-culvert minn Triq Tal-Ġidi li trid isir għal Triq L-Imġarr. Ġie kkuntatjat il-Perit waqt il-laqgħa stess li kellu jivverifika biex jikkonferma jekk dan kienx diġa' ikkonnetjat.

22.4.5 Il-Viċi Sindku staqsa meta kienu se jitniżżlu l-wiring taħt l-art fil-pjazza. Is-Sindku spjega li kellu joħroġ tender mill-ġdid għal dan ix-xogħol mill-Ministeru t'Għawdex.

22.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għaddiet id-dettalji ta' studenta li parti mill-istudju tagħha kien li tagħmel xi sieġħat fil-komunita' u għaldaqstant kellha tagħmel xi sieġħat fil-librerija tal-lokalita.'

22.4.7 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni għall-ħmieġ ta' tiben li jħalli imprenditur fil-HOS ta' Ġokk b'inkonvenjent kbir għall-ġirien. Il-Viċi Sindku spjega li hemm bżonn l-intervjent tal-pulizija f'dan il-każ.

22.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irreferriet għas-sinjali bojod li nżebbgħu fil-bidu ta' Triq Il-Ħamrija minn Triq L-Indipendenza. Is-Sindku ssuġġerriexxa li jinbidlu t-tabelli kemm f'din it-triq u fi Triq San Publiju. L-istess Kunsilliera rrimarkat għall-ogħti ta' ċitazzjonijiet bla bażi.

22.4.9 B'referenza għall-iskema maħruġa mill-GAGF, il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kif nistgħu naplikkaw għal-learning hub hekk kif il-Kunsill għadu fil-fażi tal-evelwazzjoni tat-tender tal-perit. Il-Kunsill iddiskutta l-fatt li taħt din l-iskema jrid ikollok żewġ partners li jistgħu jkunu kemm NGOs jew business partners. Il-Kunsill iddiskutta l-possibilta' li napplikaw fuq restawr tat-teatru fiċ-Ċentru. Ġiet iffissata laqgħa mal-Arċipriet biex tiġi diskussa aktar din il-possibilta'.

22.4.10 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li Ġnien Il-Ħaddiem hemm bżonn li jinżamm aktar nadif.

22.4.11 Rigward żmien il-Għid il-membri tal-Kunsill qablu fuq is-suġġeriment ta' Jeanelle Attard biex isir kompetizzjoni għall-isbaħ tieqa mżejna għaż-żmien il-Ġimgħa Imqaddsa u l-Għid.

22.4.12 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi fil-proġett ta' Ġnien Il-Ħaddiem mill-MGozo. Is-Sindku kkomunika li kienu ntalbu xi klarifikazzjonijiet min-naħa tal-Planning Authority.

**22.5 Triq San Publiju**

22.5.1 B'referenza għall-petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Publiju s-Sindku spjega li r-residenti għandhom problema bil-kwalita' tal-ilma. Is-Sindku wera x-xewqa li kemm Triq San Publiju u anke Triq Il-Ħelsien li m'humiex triq kbar isiru u għaldaqstant tajjeb li l-Kunsill ikollu stima fuqhom biex ikun jista' jgħaddi lill-Ministeru t'Għawdex. Il-Kunsill qabel li jistenna min-naħa tal-Lands rigward toroq torba qabel ma jipproċedi fuq dawn it-toroq

**22.7 Rapport tal-Evalwazzjoni: Tender Miżura 4.4- Ħitan tas-Sejjieħ tal-Loġġa**

**Tender tal-Perit**

22.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li r-rapport tal-evalwazzjoni fuq dawn iż-żewġ sejħiet tal-offerti ma kinux ġew iffinalizzati peress li kien intalbu xi klarifikazzjonijiet lill-kuntratturi li tefgħu l-offerta.

**22.8 Korrispondenza u Ilmenti**

22.8.1 18/01/2021 Ittra rigward l-Approvazzjoni Estensjoni wara l-eta' tal-irtirar- Sna Bernadette Vella datata 15 ta' Jannar mid-Direttur Ġenerali Natalino Attard.

22.8.2 18/01/2021 Stedina għal-laqgħa mill-Executve Chairman t'Ambjent Malta dwar Ambjent Malta Konsultazzjoni Kunsilli Lokali.

22.8.3 19/01/2021 ĊIR AKL 2021/006 Unpaid internship-Looking for a placement

22.8.4 19/01/2021 Stedina mill-Guggen Band biex tittella' attivita' tal-Karnival.

22.8.5 19/01/2021 SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

22.8.6 20/01/2021 Korrispondenza mill-Kunsilliera Jeanelle Attard rigward Triq Zakkarija Cilia.

22.8.7 20/01/2021 Ittra mill-avukat tas-Sur John Saliba rigward x-xogħlijiet fi Triq Santa Eliżabetta. Din ġiet mgħoddija lill-avukat u l-perit responsabli mix-xogħol.

22.8.8 26/01/2021 Cir AKL 2021/008 Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali / Lokali fl-'Earth Hour' 2021 fejn Kunsilli li xtaqu jipparteċipaw billi jintefa' d-dawl ta' xo ġkazza, ristoranti u ħwienet nhar 27 ta' Marzu 2021 bejn it-8.30pm u 9.30pm kellhom jirreġistraw sal-21 ta' Frar 2021.

22.8.10 6/01/2021 ĊIR AKL 2021/001 Personal Accident Policy. Reminder mis-Segretarju Eżekuttiv biex tara jekk il-membri tal-Kunsill jaqblux li nidħlu taħt din il-policy.

22.8.11 27/01/2021 Stedina mill-kittieb Euchar Mizzi biex il-Kunsill jixtri l-Ktieb tal-Poeżiji bil-Malti "Qtar il-Ghasel"

22.8.12 29/01/2021 Planning MT - Newsletter Issue no 03/21

22.8.13 02/02/2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021

22.8.14 07/02/2021 Patt ghall-Agrobiodiversita' ghal Ghawdex - Stedina lill-Kunsilli Lokali.

22.8.15 08/02/2021 Stedina għal-laqgħa ta’ informazzjoni fuq it-Tieni sejħa għall-Miżuri 4-GAG 4- Rejuvinating Gozo- taħt il-programm Leader 2014-2020.

22.8.16 08/02/2021 Korrispondenza mill-Kunsilliera Jeanelle Attard tirrimarka li kienet urtata u ddispjaċu ta minħabba l-ġbir taż-żibel fi Triq Il-Kbira u Triq Santa Katerina fejn hi kienet qed tiddisassoċċja ruħha minn din id-deċiżjoni mingħajr approvazzjoni u irresponsabli li ħolqot inkonvenjent lir-residenti u talbet li jinstab rimedju mill-aktar fiss possibli**.**

22.8.17 09/02/2021 Cir AKL 2021/012 MCAST free language courses.

22.8.18 12/02/2021 Planning MT - Newsletter Issue no 05/21

22.8.19 12/02/2021 Ittra mill-avukat ta’ Josef Apap li kellu inċident bil-mutur fi Triq Kav Lorenzo Zammit Haber. Il-Kunsill qabel li nirrispondu permezz tal-avukat tal-Kunsill.

22.8.20 15/02/2021 Konferenza NCPE - 2 ta' Marzu 2021 - Il-Jum Internazzjonali tal-Mara.

22.8.21 15/0/2021 Award of the European Label for Governance Excellence to the Pembroke Local Council - Tuesday 16th February 2021.

22.8.22 17/02/2021 Talba għar-riklam tal-festa ta’ San Ġwann Battista.

22.8.23 17/02/2021 Call for participants: RAN Workshop on youth participation in P/CVE for local authorities.

22.8.24 17/02/2021 Petizzjoni mir-residenti ta’ Triq San Publiju.

22.8.25 17/02/2021 Aġenda Nru 22 u Minuti tal-Laqgħa 21

22.8.26 18/02/2021 Talba biex issir laqgħa mas-Sur Magro tal-GAGF biex tiġi diskussa t-tieni sejħa sejħa għall-Miżuri 4-GAG 4- Rejuvinating Gozo- taħt il-programm Leader 2014-2020

22.8.27 18/02/2021 The Danusan Challenge: Treausure Hunt bi premju ta' €5000 CASH!

22.8.28 18/02/2021 Cir AKL 2021/014 Group Life Policy

22.8.29 Approvazzjona tal-applikazzjoni għall-Open Gym Equipment fejn il-Kunsill se jingħat l-għajnuna finanzjarja ta €4,930. Il-Kunsill qabel li jmexxi fuq din l-iskema.

22.8.30 23/02/2021 Cir AKL 2021/016 EUCF Webinar - It-Tieni Sejħa 07042021

22.8.31 23/02/2021 Talba minn kopja biex tuża Masġar Blankas biex tagħmel it-tieġ nhar l-10 ta' Ġunju 2023. Il-membri tal-Kunsill preżenti ma qablux li jsiru attivitajiet privati f'dan il-masġar pubbliku

22.9.32 23/02/2021 Skema Reġjonali- Ambjent 2021 fejn il-Kunsill jista' jibbenefika minn għajnuna sa massimu ta' €12,000 peress li diġa' se nkunu nibbenifikkaw minn €3,500 għall-Proġett tal-Islow Street.

22.9.33 23/02/2021 Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021 fejn il-Kunsill jista' jibbenefika minn għajnuna sa massimu ta' €10,000 billi jtella' attivita' kreattiva u jissotmetti aktar ideat innovattivi.

22.9.34 23/02/2021 Finanzjament Addizzjoni mir-Reġjun Għawdex b'rabta ma' SPI.SCI.8.2020 Espressjoni ta' Interess - Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022 fejn ir-Reġjun se jkun qed jallokka €50,000.

22.9.35 Talba minn bejjiegħa ġodda tal-monti biex jibdew jarmaw. Is-Sindku ssuġġerriexa li jiżdiedu aktar 'l isfer għall-għonq it-triq. Il-membri preżenti tal-Kunsill qablu.

22.9.3 Talba għall-żewġ bozoz ġodda fit-Triq Il-Ħamrija u Triq Majmuna. Dawn ġew approvati mill-membri preżenti tal-Kunsill.

22.9.4 Talba għall-żieda fil-Wattage ta' bozza fi Triq Sant'Indrija. Din it-talba ġiet milqugħa.

**22.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

22.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**22.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

22.10.1Il-laqgħa ntemmet 7.37pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2020 fl-4.30pm.

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |